MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2008

Numru 1275/2007

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

vs

Clint Buttigieg

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 192987(M), akkuzat talli:

1. f'dawn il-Gzejjer, f'xi perjodu, bejn Awwissu 2005 u Awwissu 2006, wieghed, ta, jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna ohra, sabiex iggieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza;

2. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ghad-dannu tal-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT).

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundana lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jinstema' sommorjament, mhux oppost;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa nsista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Ikkonsidrat:

Li stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Ikkonsidrat:
Li l-istqarrija rillaxxjata mill-imputat hija cara u skjetta. Minn dina l-istqarrija r-reat addebitat lilu taht l-Artikolu 121(A)(1) tal-Kap 9 abbinat mal-Artikolu 121(1) ghandu jirrizulta. L-Artikolu 308 u 309 li jitrattaw it-truffa jirrizultaw mill-ammissjoni tal-imputat billi altrimenti din il-Qorti frankament ma tarax kif setghu jinkwadraw.

Tiddeciedi, ghaldaqstant u wara li rat l-Artikolu 121A(1), 121, 308, 309, u 17 li tapplika kontra l-imputat l-artikolu 22 tal-Kap 446 billi tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f'perjodu ta' sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu skond u ghab-bazi ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------